# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 2 ta’ Mejju 2016**

**Numru 1**

**Rikors kostituzzjonali numru 18/2015**

**Anthony Seychell**

***v.***

**Kummissarju tal-Pulizija u *occorrendo***
**l-Avukat Ġenerali**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta’ rikuża tal-aġent president ta’ din il-qorti mressqa mill-attur fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2016. Il-verbal tas-seduta jgħid hekk:

> »Dr Noel Bartolo għall-appellant ressaq l-eċċezzjoni ta’ rikuża tal-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo billi dan kien parti mill-qorti li tat is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2013 fl-ismijiet Anthony Seychell *v.* Onor. Prim Ministru *et*, rikors numru 64/10, u din is-sentenza fiha deċiżjoni li tolqot il-meritu tal-kawża tallum.«

2. Għalkemm l-attur ma indikax id-disposizzjoni tal-liġi li taħtha tressqet l-eċċezzjoni, jidher illi l-eċċezzjoni tressqet taħt l-art. 734(1)(*d*)(i) u (ii) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

3. Il-kawża Anthony Seychell *v.* Onor. Prim Ministru *et*, rikors kostituzzjonali numru 64/10, maqtugħa bis-sentenza ta’ din il-qorti tad-9 ta’ Diċembru 2013, li għaliha ssir referenza fl-eċċezzjoni, kienet dwar il-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, maqtugħa b’sentenza tal-5 ta’ Marzu 2008 ta’ dik il-qorti, u l-proċeduri ta’ appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, maqtugħa finalment b’sentenza tat-12 ta’ Marzu 2009, u dwar jekk is-sejbien ta’ ħtija tal-attur f’dawk il-proċeduri kienx bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-artt. 5 u 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”].

4. Il-kwistjoni li tifforma l-meritu ta’ din il-kawża tallum hija dwar jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta’ Lulju 2014 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Seychell *v.* Kummissarju tal-Pulizija, rikors maħluf numru 329/2009, kisritx il-jeddijiet fondamentali tal-attur imħarsa taħt l-artt. 6 u 13 tal-Konvenzjoni u taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, meta ma ħassritx ordni ta’ konfiska magħmula bħala parti mill-piena mogħtija lill-attur fis-sentenzi tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

5. Din il-kwistjoni la ssemmiet u wisq anqas ma ġiet meqjusa fis-sentenza tad-9 ta’ Diċembru 2013, li kienet dwar meritu għalkollox differenti, u għalhekk ma hu minnu xejn dak li ngħad mill-avukat tal-

attur fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2014 illi “din is-sentenza fiha deċiżjoni li tolqot il-meritu tal-kawża tallum”.

6. Billi għalhekk l-eċċezzjoni ta’ rikuża hija msejsa fuq premessi ħżiena, u ma ntweriet ebda raġuni valida għar-rikuża tal-aġent president ta’ din l-qorti, il-qorti tiċħad l-eċċezzjoni u tordna li jitkompla s-smigħ tal-appell.

7. L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Joseph Zammit McKeon<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb